V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10937 - EDF DEUTSCHLAND / HAZWEI / HYPION MOTION NEUMÜNSTER JV)

Każ kandidat għal proċedura simplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 471/10)

1. Fit-2 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— EDF Deutschland GmbH ("EDF Deutschland", il-Ġermanja), parti minn EDF Group ("EDF", Franza),

— HAzwei 3. Beteiligungsgesellschaft mbH ("HAzwei", il-Ġermanja), parti minn E.ON Group ("E.ON", il-Ġermanja),

— Hypion Motion Neumünster GmbH & Co. KG, kumpanija maħluqa ġdida ("il-JV fil-Mira", il-Ġermanja).

EDF Deutschland u HAzwei se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-JV fil-Mira.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża bi sħab (joint venture, JV).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi konċernati huma:

— HAzwei għandha interessi azzjonisti għall-kumpanija prinċipali tagħha HAzwei GmbH, b'din tal-aħħar tkun attiva fl-iżvilupp ta' proġetti li jikkonċernaw il-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-idroġenu. L-attivitajiet ta' E.ON huma ġeneralment iffukati fuq żewġ oqsma ewlenin tan-negozju: (i) networks tal-enerġija u (ii) soluzzjonijiet għall-klijenti (inklużi l-provvista tal-elettriċità u tal-gass lill-konsumaturi,

— EDF hija prinċipalment attiva fi Franza u barra minnha fis-swieq tal-elettriċità, u, b'mod partikolari, fil-produzzjoni tal-elettriċità u l-provvista bl-ingrossa, il-kummerċ, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u l-provvista lill-konsumaturi. Sa ċertu punt, EDF Group huwa wkoll attiv fil-provvista bl-ingrossa tal-gass u fil-provvista tas-servizzi tal-enerġija.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-JV fil-Mira se jkunu x-xiri tal-idroġenu u l-bejgħ tiegħu permezz ta' stazzjon tar-riforniment tal-idroġenu li jinsab f'Neumünster, fit-Tramuntana tal-Ġermanja.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

4. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart jum wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10937 - EDF DEUTSCHLAND / HAZWEI / HYPION MOTION NEUMÜNSTER JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks, jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.